# MINUTI

## KAMRA TAD-DEPUTATI

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

## KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI

## LAQGĦA NRU 16

## It-Tnejn, 11 ta' Marzu 2024

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-4.38 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor Adrian Delia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 15 li saret it-Tlieta, 16 ta' Jannar 2024, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DOTT. JOSEPH SAMMUT GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, RESIDENTI FIT-TUNEŻIJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor Ian Borg, datata 12 ta' Jannar 2024, dwar in-nomina ta' Dott. Joseph Sammut għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta, residenti ġewwa t-Tuneżija.

Il-Kumitat stieden lil Dott. Sammut sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dott. Sammut kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dott. Joseph Sammut daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dott. Sammut li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dott. Sammut ta rendikont tal-karriera tiegħu; qal illi kien ilu jaħdem bħala avukat għal dawn l-aħħar 33 sena, huwa eks membru parlamentari u li kien lest li jkun ta' iktar servizz għall-istat Malti.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Dott. Sammut spjega li għalkemm twieled il-Kanada, għandu biss passaport Malti, u m'għandu ebda kunflitt ta' interess. Spjega wkoll li jekk ikun approvat fil-kariga, peress li jkun residenti fit-Tuneżija, ikun diffiċli jkompli xogħol ieħor full-time.

Fil-4.46 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dott. Sammut u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dott. Joseph Sammut għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta Malta, residenti fit-Tuneżija. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-4.47 p.m. il-Kumitat stieden lil Dott. Sammut jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dott. Joseph Sammut daħal fil-kamra tal-Kumitat. Huwa ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta residenti fit-Tuneżija kienet ġiet approvata mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, u l-Kummerċ.

Dott. Joseph Sammut irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DOTT. AARON FARRUGIA GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA MHUX RESIDENTI GĦALL-ORGANIZZAZZJONI MARITTIMA INTERNAZZJONIALI**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, datata 26 ta' Jannar 2024, permezz tal-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Chris Bonett, dwar in-nomina ta' Dott. Aaron Farrugia għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

Il-Kumitat stieden lil Dott. Farrugia sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dott. Farrugia kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dott. Aaron Farrugia daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dott. Farrugia li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dott. Farrugia ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala ekonomista, kif ukoll tkellem dwar il-karigi li okkupa fl-Eżekuttiv, ċjoè bħala Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali, u Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar matul it-13-il Leġiżlatura, kif ukoll bħala Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali matul l-14-il Leġiżlatura. Huwa qal li dawn il-karigi ġabuh f'kuntatt dirett mal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, liema esperjenza kienet se tkun ta' benefiċċju għalih fil-kariga ta' rappreżentant permanenti f'din l-Organizzazzjoni, jekk il-Kumitat japprova l-kariga tiegħu.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Dott. Farrugia stqarr li m'għandu l-ebda kunflitt ta' interess jew attività kummerċjali li tista' tkun konfliġġenti ma' dan l-irwol u li ladarba l-irwol li kien qed jiġi nnominat għalih kien ta' ambaxxatur mhux residenti, allura kien se jkun jista' jibqa' għaddej bl-impenji tiegħu.

Dott. Farrugia spjega li, jekk in-nomina tiegħu tkun aċċettata mill-Kumitat, minbarra li jattendi laqgħat tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, kien beħsiebu jitkellem ukoll mal-istakeholders involuti sabiex jirrappreżenta lil Malta b'mod ħolistiku.

Fil-5.09 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dott. Farrugia u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.09 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dott. Aaron Farrugia għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, il-membri tal-Kumitat talbu li jivvotaw individwalment.

Il-Kumitat ivvota hekk:

| **VOTAZZJONI NRU 3** | **ĦIN: 5.10 p.m.** |
|---|---|
| **Favur: 4** | **Kontra: 3** |
| L-Onor. | L-Onor. |
| Chris Agius | Karol Aquilina |
| Clayton Bartolo | Adrian Delia |
| Andy Ellul | Julie Zahra |
| Amanda Spiteri Grech | |

Il-ħatra proposta ġiet approvata.

Fil-5.12 p.m. il-Kumitat stieden lil Dott. Farrugia jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dott. Aaron Farrugia daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali kienet ġiet approvata mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, kif ukoll lill-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Chris Bonett.

Dott. Aaron Farrugia rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.13 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**